Kunsill
tal-Unjoni Ewropea

**Brussell, 5 ta' Settembru 2018**
**(OR. en)**

**11877/18**

**Fajl Interistituzzjonali:**
**2018/0315 (NLE)**

**UD 189**
**CID 5**
**TRANS 359**

**PROPOSTA**

| | |
|---|---|
| minn: | Segretarju Ġenerali tal-Kummissjoni Ewropea,<br>iffirmat mis-Sur Jordi AYET PUIGARNAU, Direttur |
| data meta waslet: | 31 ta' Awwissu 2018 |
| lil: | Is-Sur Jeppe TRANHOLM-MIKKELSEN, Segretarju Ġenerali tal-Kunsill tal-Unjoni Ewropea |
| Nru dok. Cion: | COM(2018) 605 final |
| Suġġett: | Proposta għal DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL dwar il-pożizzjoni li trid tittieħed f'isem l-Unjoni Ewropea fil-Grupp ta' Ħidma tal-Kummissjoni Ekonomika għall-Ewropa tan-Nazzjonijiet Uniti dwar kwistjonijiet doganali li jaffettwaw it-trasport u fil-Kumitat tat-Trasport Intern b'rabta mal-adozzjoni prevista ta' Konvenzjoni ġdida dwar il-faċilitazzjoni tal-proċeduri tal-qsim tal-fruntieri tal-passiġġieri, tal-bagalji u tal-bagalji mhux akkumpanjati li jinġarru fit-traffiku internazzjonali bil-ferrovija |

Id-delegazzjonijiet għandhom isibu mehmuż id-dokument COM(2018) 605 final.

---

Mehmuż: COM(2018) 605 final

IL-KUMMISSJONI
EWROPEA

Brussell, 31.8.2018
COM(2018) 605 final

2018/0315 (NLE)

Proposta għal

# DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL

## dwar il-pożizzjoni li trid tittieħed f'isem l-Unjoni Ewropea fil-Grupp ta' Ħidma tal-Kummissjoni Ekonomika għall-Ewropa tan-Nazzjonijiet Uniti dwar kwistjonijiet doganali li jaffettwaw it-trasport u fil-Kumitat tat-Trasport Intern b'rabta mal-adozzjoni prevista ta' Konvenzjoni ġdida dwar il-faċilitazzjoni tal-proċeduri tal-qsim tal-fruntieri tal-passiġġieri, tal-bagalji u tal-bagalji mhux akkumpanjati li jinġarru fit-traffiku internazzjonali bil-ferrovija

# MEMORANDUM TA' SPJEGAZZJONI

## 1. SUĠĠETT TAL-PROPOSTA

Din il-proposta tikkonċerna d-Deċiżjoni li tistabbilixxi l-pożizzjoni li għandha tittieħed f'isem l-Unjoni fil-Grupp ta' Ħidma tal-Kummissjoni Ekonomika għall-Ewropa tan-Nazzjonijiet Uniti (UNECE) dwar kwistjonijiet doganali li jaffettwaw it-trasport u, possibbilment, fil-Kumitat tat-Trasport Intern tal-Kummissjoni Ekonomika għall-Ewropa tan-Nazzjonijiet Uniti b'konnessjoni mal-adozzjoni prevista ta' Konvenzjoni ġdida dwar il-faċilitazzjoni tal-proċeduri ta' qsim tal-fruntieri għall-passiġġieri, għall-bagalji u tal-bagalji mhux akkumpanjati li jinġarru fit-traffiku internazzjonali bil-ferrovija.

## 2. KUNTEST TAL-PROPOSTA

### 2.1. Il-Konvenzjoni dwar il-faċilitazzjoni tal-proċeduri ta' qsim tal-fruntieri tal-passiġġieri, tal-bagalji u tal-bagalji mhux akkumpanjati li jinġarru fit-traffiku internazzjonali bil-ferrovija

L-abbozz tal-Konvenzjoni proposta fir-rigward tal-faċilitazzjoni tal-proċeduri ta' qsim tal-fruntieri tal-passiġġieri, tal-bagalji u tal-bagalji mhux akkumpanjati li jinġarru fit-traffiku internazzjonali bil-ferrovija ("l-abbozz tal-Konvenzjoni proposta") tnieda mill-Organizzazzjoni għall-Kooperazzjoni bejn il-Ferroviji (l-OSJD) li disa' Stati Membri tal-Unjoni (il-Bulgarija, ir-Repubblika Ċeka, is-Slovakkja, il-Polonja, il-Litwanja, il-Latvja, l-Ungerija, l-Estonja, ir-Rumanija) huma membri tagħha u ntbagħat lill-Kummissjoni Ekonomika għall-Ewropa tan-Nazzjonijiet Uniti mill-Gvern tal-Federazzjoni Russa.

Hemm diġà fis-seħħ Konvenzjoni b'kamp ta' applikazzjoni simili - il-Konvenzjoni Internazzjonali tal-1952 li tiffaċilita l-qsim tal-fruntieri tal-passiġġieri u tal-bagalji li jinġarru bil-ferrovija u tmienja mill-Partijiet Kontraenti tagħha huma Stati Membri tal-Unjoni (l-Awstrija, il-Belġju, Franza, l-Italja, il-Lussemburgu, in-Netherlands, il-Portugall, u l-Iżvezja[1]). Minħabba diversi diffikultajiet legali u proċedurali ma kienx fattibbli li din il-Konvenzjoni tiġi emendata sabiex tiġi modernizzata. Barra minn hekk, pajjiżi membri tal-Organizzazzjoni għall-Kooperazzjoni bejn il-Ferroviji appoġġaw l-idea li tiġi abozzata konvenzjoni ġdida f'dan il-qasam, minflok ma jaderixxu għall-Konvenzjoni tal-1952 li għadda żmienha.

L-abbozz tal-Konvenzjoni propost jkopri tliet oqsma ewlenin ta' politika tal-Unjoni: il-ferroviji, id-dwana u l-acquis tal-Unjoni dwar il-ġestjoni tal-fruntieri. L-għan tagħha huwa li tħaffef u tissimplifika l-kontrolli fil-fruntieri tal-ferroviji tal-passiġġieri. L-elementi l-ġodda ewlenin fl-abbozz tal-Konvenzjoni huma l-kontrolli kkoordinati b'mod konġunt fil-fruntieri, minflok iż-żewġ kontrolli konsekuttivi jew aktar fuq iż-żewġ naħat tal-fruntiera; il-kontrolli fil-ferroviji mexjin, fejn l-iskedi u l-waqfiet tal-ferroviji jippermettu dan u l-ftehim dwar id-dettalji tal-kooperazzjoni permezz ta' ftehimiet bilaterali jew multilaterali. Din il-proposta hija relatata mal-politika tal-Unjoni fil-qasam tal-ġestjoni tal-fruntieri. L-aspett ta' żewġ oqsma ta' politika tal-Unjoni oħrajn, il-ferroviji u d-dwana, se jiġi kopert minn proposta separata.

---

[1] Iffirmawha, iżda ma rratifikawhiex.

### 2.2. Il-Grupp ta' Ħidma UNECE dwar kwistjonijiet doganali li jaffettwaw it-trasport

Il-Grupp ta' Ħidma dwar kwistjonijiet doganali li jaffettwaw it-trasport qed jaġixxi fi ħdan il-qafas tal-politiki tal-Kummissjoni Ekonomika għall-Ewropa tan-Nazzjonijiet Uniti u huwa soġġett għas-superviżjoni ġenerali tal-Kumitat tat-Trasport Intern. Ir-rwol tal-Grupp ta' Ħidma huwa li jniedi u jwettaq azzjonijiet immirati lejn l-armonizzazzjoni u s-simplifikazzjoni tar-regolamenti, tar-regoli u tad-dokumentazzjoni tal-proċeduri tal-qsim tal-fruntieri għall-modi differenti ta' trasport intern.

L-Unjoni hija rappreżentata fil-Grupp ta' Ħidma li l-Istati Membri kollha tal-Unjoni huma membri tiegħu u għandhom id-dritt tal-vot.

### 2.3. L-att previst tal-Grupp ta' Ħidma dwar kwistjonijiet doganali li jaffettwaw it-trasport

Il-Grupp ta' Ħidma dwar kwistjonijiet doganali li jaffettwaw it-trasport ser jiltaqa' fl-2018 fid-dati li ġejjin: mit-12 sal-14 ta' Ġunju u mis-16 sad-19 ta' Ottubru. F'waħda mil-laqgħat tiegħu, il-Grupp ta' Ħidma huwa mistenni jieħu deċiżjoni dwar l-approvazzjoni tal-Konvenzjoni proposta u dwar it-trażmissjoni tagħha lill-Kumitat tat-Trasport Intern li jiltaqa' darba fis-sena fi Frar, għall-approvazzjoni formali tiegħu.

L-att previst se jkun vinkolanti għall-partijiet f'konformità mal-Artikolu 22 tal-Ftehim, li jipprevedi: "1. Din il-Konvenzjoni għandha tidħol fis-seħħ tliet xhur wara d-data li fiha ħames Stati jkunu ddepożitaw l-istrumenti ta' ratifikazzjoni, aċċettazzjoni, approvazzjoni jew adeżjoni tagħhom. 2. Għal kull Stat li jirratifika din il-konvenzjoni jew jaċċettaha, japprovaha, jew jaderixxi għaliha, wara d-depożitu tal-ħames strument ta' ratifika, aċċettazzjoni, approvazzjoni jew adeżjoni, il-Konvenzjoni għandha tidħol fis-seħħ tliet xhur wara d-data tad-depożitu minn dan l-Istat tal-istrument tar-ratifika, tal-aċċettazzjoni, tal-approvazzjoni jew tal-adeżjoni tiegħu".

## 3. POŻIZZJONI LI TRID TITTIEĦED F'ISEM L-UNJONI

### 3.1. Il-pożizzjoni tal-Unjoni

L-Unjoni tikkondividi l-objettivi tal-abbozz tal-Konvenzjoni u tappoġġa l-kunċett ta' faċilitazzjoni tat-trasport ferrovjarju tal-passiġġieri, iżda ma identifikat l-ebda valur miżjud jew benefiċċji tal-abbozz tal-Konvenzjoni għall-Unjoni jew għall-Istati Membri tagħha. Il-konvenzjoni abbozzata l-ġdida ma jxejjinx il-ftehimiet bilaterali jew multilaterali diġà eżistenti u milli jidher lanqas biss jiffaċilita ftehimiet bilaterali jew multilaterali ġodda billi l-abbozz tal-Konvenzjoni ma fihx mudell għal ftehimiet ta' dan it-tip. Ħafna mid-dispożizzjonijiet tal-abbozz tal-Konvenzjoni mhumiex vinkolanti u ma jistgħux jiġu implimentati mingħajr arranġamenti separati bejn il-partijiet ikkonċernati. Sa issa, l-unika funzjoni li l-abbozz tal-Konvenzjoni jista' jkollu huwa li jservi ta' referenza biex jiġu konklużi ftehimiet bilaterali u multilaterali futuri.

Mill-perspettiva tal-**acquis tal-UE dwar il-ġestjoni tal-fruntieri**, l-abbozz tal-Konvenzjoni fil-forma preżenti tiegħu ma joffri l-ebda għodda ġdida jew utli u għalhekk mhu ta' ebda benefiċċju jew valur miżjud għall-UE u għall-Istati Membri tagħha. Barra minn hekk, fiha bosta dispożizzjonijiet li huma problematiċi għall-acquis tal-UE u li jkun hemm bżonn li jiġu emendati jekk l-Unjoni jew l-Istati Membri tagħha jixtiequ jaderixxu għall-abbozz tal-

Konvenzjoni f'xi punt fiż-żmien li ġej. Pereżempju, l-Artikolu 6 tal-abbozz tal-Konvenzjoni għandu jiċċara li l-kontrolli tal-fruntieri ma jistgħux jiġu rinunzjati permezz ta' ftehimiet multilaterali jew bilaterali bejn Membri: minħabba li japplika l-Kodiċi tal-Fruntieri ta' Schengen meta jinqasmu l-fruntieri esterni tal-UE, ftehimiet internazzjonali jistgħu biss jirregolaw kif il-kontrolli jitwettqu mingħajr ma tintmiss is-sustanza ta' tali kontrolli.

Mill-**perspettiva istituzzjonali** tal-Unjoni, l-abbozz tal-Konvenzjoni jkopri kwistjonijiet li jaqgħu fi ħdan l-oqsma ta' kompetenza esklużiva u kondiviża tal-Unjoni. L-Istati Membri ma jistgħux jaċċedu individwalment għal partijiet tal-abbozz tal-Konvenzjoni li jaqgħu fi ħdan qasam ta' kompetenza esklużiva tal-Unjoni. Kien jenħtieġ li tiddaħħal dispożizzjoni dwar il-parteċipazzjoni tal-Unjoni bħala organizzazzjoni reġjonali għall-integrazzjoni ekonomika fl-abbozz tal-Konvenzjoni b'konformità mal-politika ġenerali dwar il-politika istituzzjonali — sabiex l-Unjoni tkun tista' taderixxi għall-Konvenzjoni.

Anke jekk l-Unjoni ma jidhirx li għandha raġunijiet biex taderixxi għall-Konvenzjoni proposta, skont il-politika ġenerali tagħha dwar l-aspetti istituzzjonali, kwalunkwe Konvenzjoni internazzjonali ġdida jenħtieġ li jkollha klawsola li tippermetti l-parteċipazzjoni ta' organizzazzjonijiet reġjonali għall-integrazzjoni ekonomika.

Il-Kumitat tat-Trasport Intern tal-Kummissjoni Ekonomika għall-Ewropa tan-Nazzjonijiet Uniti waqt il-81 sessjoni tiegħu fi Frar 2019 jew waqt sessjoni sussegwenti, soġġett għall-approvazzjoni tal-abbozz ta' Konvenzjoni mill-Grupp ta' Ħidma dwar kwistjonijiet doganali li jaffettwaw it-trasport, jista' jipproċedi għal vot dwar l-adozzjoni tal-Konvenzjoni u jitlob lis-Segretarjat jitrażmettiha lis-Segretarju Ġenerali tan-Nazzjonijiet Uniti fil-kapaċità tiegħu ta' depożitarju. Għalhekk huwa importanti li tiġi stabbilita pożizzjoni tal-Unjoni biex din tkun tista' tirreaġixxi fil-każ ta' xenarju potenzjali ta' dan it-tip. Fi kwistjonijiet ta' kompetenza esklużiva, il-Kummissjoni se tivvota f'isem l-Unjoni.

Waqt it-tħejjija tal-Konvenzjoni proposta, saru konsultazzjonijiet ma' firxa kbira ta' esperti mis-settur pubbliku u privat.

Saru konsultazzjonijiet mal-Istati Membri fi ħdan il-Kumitat tal-Leġiżlazzjoni Doganali (koordinazzjoni ta' Ġinevra); waħda minn dawn il-konsultazzjonijiet saret b'mod konġunt ma' esperti mill-Kumitat taż-Żona Ferrovjarja Unika Ewropea, ma' konsulenti tal-Ġustizzja u l-Affarijiet Interni, u ma' attachés tat-Trasport u r-rappreżentanti mid-Direttorati Ġenerali tal-Kummissjoni responsabbli għall-Mobbiltà u għat-Trasport u għall-Migrazzjoni u għall-Affarijiet Interni (23.1.2017). Saru wkoll konsultazzjonijiet mal-Grupp ta' Esperti Doganali.

Saru konsultazzjonijiet ulterjuri matul is-sessjonijiet tal-Grupp ta' Ħidma dwar Kwistjonijiet Doganali li jaffettwaw it-Trasport u l-Grupp ta' Ħidma dwar it-Trasport bil-Ferrovija tal-Kummissjoni Ekonomika tan-Nazzjonijiet Uniti għall-Ewropa.

Qabel id-diskussjonijiet fil-fora rilevanti tal-Kummissjoni Ekonomika tan-Nazzjonijiet Uniti għall-Ewropa, segwiti jew mid-Direttorat Ġenerali tal-Kummissjoni responsabbli għat-Tassazzjoni u l-Unjoni Doganali jew mid-Direttorat Ġenerali responsabbli għall-Mobbiltà u t-Trasport, seħħew attivitajiet ta' koordinazzjoni bejn id-Direttorati Ġenerali msemmija hawn fuq u d-Direttorat Ġenerali responsabbli għall-Migrazzjoni u l-Affarijiet Interni minħabba li l-abbozz tal-Konvenzjoni jolqot oqsma ta' politika li jaqgħu taħt il-mandati rispettivi tat-tliet Direttorati Ġenerali.

Il-koordinazzjoni interna kif ukoll id-diskussjonijiet konġunti mal-Istati Membri fil-qafas tal-Kumitat tal-Leġiżlazzjoni Doganali u tal-Grupp ta' Esperti Doganali urew b'mod ċar li ma hemm ebda interess, la għall-Istati Membri tal-Unjoni u lanqas għall-Unjoni nnifisha, li jaderixxu mal-abbozz tal-Konvenzjoni minħabba li din ma hija ta' ebda benefiċċju jew valur miżjud fl-oqsma kollha kkonċernati, jiġifieri fl-oqsma ta' politika tal-Unjoni koperti b'din il-proposta u wkoll mill-perspettiva istituzzjonali tal-Unjoni.

## 4. BAŻI ĠURIDIKA

### 4.1. Bażi ġuridika proċedurali

*4.1.1. Prinċipji*

L-Artikolu 218(9) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea (TFUE) jipprevedi deċiżjonijiet li jistabbilixxu "*il-pożizzjonijiet li għandhom jiġu adottati f'isem l-Unjoni f'sede stabbilita fi ftehim, meta dik is-sede tintalab tadotta atti li jkollhom effetti legali, sakemm dawn ma jkunux atti li jissupplimentaw jew jemendaw il-qafas istituzzjonali tal-ftehim*."

Il-kunċett ta' "*atti li jkollhom effetti legali*" jinkludi atti li jkollhom effetti legali skont ir-regoli tad-dritt internazzjonali li jirregola l-korp ikkonċernat. Dan jinkludi strumenti li ma għandhomx effett vinkolanti skont id-dritt internazzjonali, iżda li "*jistgħu jinfluwenzaw b'mod determinanti l-kontenut tal-leġiżlazzjoni adottata mil-leġiżlatura tal-Unjoni*"[2].

*4.1.2. Applikazzjoni għall-każ preżenti*

L-att li l-Grupp ta' Ħidma dwar kwistjonijiet doganali li jaffettwaw it-trasport u l-Kumitat tat-Trasport Intern tal-Kummissjoni Ekonomika għall-Ewropa tan-Nazzjonijiet Uniti qed jiġu mistiedna jadottaw jikkostitwixxi att li għandu effetti ġuridiċi. L-att previst se jkun vinkolanti skont id-dritt internazzjonali f'konformità mal-Artikolu 22 tal-abbozz tal-Konvenzjoni.

L-att previst ma jissupplimentax u ma jemendax il-qafas istituzzjonali tal-Ftehim.

Għalhekk, il-bażi ġuridika proċedurali tad-deċiżjoni proposta hija l-Artikolu 218(9) tat-TFUE.

### 4.2. Bażi ġuridika sostantiva

*4.2.1. Prinċipji*

Il-bażi ġuridika sostantiva biex tittieħed deċiżjoni skont l-Artikolu 218(9) tat-TFUE tiddependi primarjament mill-objettiv u mill-kontenut tal-att previst li fir-rigward tiegħu tittieħed pożizzjoni f'isem l-Unjoni. Jekk l-att previst ikollu żewġ għanijiet jew ikollu żewġ komponenti u jekk wieħed minn dawk l-għanijiet jew minn dawk il-komponenti jkun jista' jiġi identifikat bħala dak ewlieni, filwaqt li l-ieħor ikun sempliċiment inċidentali, id-deċiżjoni skont l-Artikolu 218(9) tat-TFUE trid tkun imsejsa fuq bażi ġuridika sostantiva unika, jiġifieri dik meħtieġa mill-għan jew mill-komponent ewlieni jew predominanti.

Fir-rigward ta' att previst li jkollu għadd ta' objettivi f'daqqa, jew li jkollu diversi komponenti, li jkunu marbuta b'mod inseparabbli mingħajr ma wieħed ikun inċidentali għall-ieħor, il-bażi

[2] Is-Sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja tas-7 ta' Ottubru 2014, il-Ġermanja vs il-Kunsill, C-399/12, ECLI:EU:C:2014:2258, il-paragrafi minn 61 sa 64.

ġuridika sostantiva ta' deċiżjoni skont l-Artikolu 218(9) tat-TFUE jkollha tinkludi, eċċezzjonalment, id-diversi bażijiet ġuridiċi korrispondenti.

*4.2.2. Applikazzjoni għall-każ preżenti*

L-att previst għandu objettivi u komponenti fil-qasam tal-verifiki fil-fruntieri u jinkludi verifiki fuq passiġġieri u d-dokumenti tagħhom. Għalhekk għandu jkun ibbażat fuq l-Artikolu 77, il-paragrafu 2, b), TFUE, li jirrigwarda "il-kontrolli li huma suġġetti għalihom il-persuni li jaqsmu l-fruntieri esterni".

Għaldaqstant, il-bażi ġuridika sostantiva tad-deċiżjoni proposta hija magħmula mid-dispożizzjonijiet li ġejjin: l-Artikolu 77, il-paragrafu 2b tat-TFUE.

### 4.3. Konklużjoni

Jenħtieġ li l-bażi ġuridika tad-deċiżjoni proposta tkun l-Artikolu 77, il-paragrafu 2b, flimkien mal-Artikolu 218(9) tat-TFUE.

2018/0315 (NLE)

Proposta għal

# DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL

## dwar il-pożizzjoni li trid tittieħed f'isem l-Unjoni Ewropea fil-Grupp ta' Ħidma tal-Kummissjoni Ekonomika għall-Ewropa tan-Nazzjonijiet Uniti dwar kwistjonijiet doganali li jaffettwaw it-trasport u fil-Kumitat tat-Trasport Intern b'rabta mal-adozzjoni prevista ta' Konvenzjoni ġdida dwar il-faċilitazzjoni tal-proċeduri tal-qsim tal-fruntieri tal-passiġġieri, tal-bagalji u tal-bagalji mhux akkumpanjati li jinġarru fit-traffiku internazzjonali bil-ferrovija

**IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,**

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u partikolarment l-Artikolu 77(2)(b) flimkien mal-Artikolu 218 (9) tiegħu,

Wara li kkunsidra l-proposta mill-Kummissjoni Ewropea,

Billi:

(1) Il-Federazzjoni Russa qed tipproponi Konvenzjoni ġdida tal-Kummissjoni Ekonomika tan-Nazzjonijiet Uniti għall-Ewropa (UNECE) dwar il-faċilitazzjoni tal-proċeduri tal-qsim tal-fruntieri tal-passiġġieri, tal-bagalji u tal-bagalji mhux akkumpanjati li jinġarru fit-traffiku internazzjonali bil-ferrovija, u din għandha l-appoġġ tal-Organizzazzjoni għall-kooperazzjoni bejn il-ferroviji (OSJD).

(2) Il-Grupp ta' Ħidma dwar kwistjonijiet doganali li jaffettwaw it-trasport qed jaġixxi fil-qafas tal-politiki tal-UNECE u huwa soġġett għas-superviżjoni ġenerali tal-Kumitat tat-Trasport Intern. Ir-rwol tal-Grupp ta' Ħidma huwa li jniedi u jwettaq azzjonijiet immirati lejn l-armonizzazzjoni u s-simplifikazzjoni tar-regolamenti, tar-regoli u tad-dokumentazzjoni tal-proċeduri tal-qsim tal-fruntieri għall-modi differenti ta' trasport intern.

(3) Il-Grupp ta' Ħidma tal-UNECE dwar kwistjonijiet doganali li jaffettwaw it-trasport, waqt il-149 sessjoni tiegħu li se ssir mit-12 sal-14 ta' Ġunju 2018, jew fis-sessjoni sussegwenti, huwa mistenni li jieħu deċiżjoni dwar l-approvazzjoni tal-Konvenzjoni proposta dwar il-faċilitazzjoni tal-proċeduri tal-qsim tal-fruntieri tal-passiġġieri, tal-bagalji u tal-bagalji mhux akkumpanjati li jinġarru fit-traffiku internazzjonali bil-ferrovija u dwar it-trażmissjoni tagħha lill-Kumitat tat-Trasport Intern għall-approvazzjoni formali tiegħu.

(4) L-Unjoni hija rappreżentata fil-Grupp ta' Ħidma tal-UNECE dwar kwistjonijiet tad-dwana li jaffettwaw it-trasport mit-28 Stat Membru tal-Unjoni li huma membri bid-dritt tal-vot. Fi kwistjonijiet ta' kompetenza esklużiva, il-pożizzjoni tal-Unjoni hija espressa mill-Kummissjoni f'isem l-Unjoni u l-Istati Membri tagħha.

(5) Skont iċ-ċirkostanzi speċifiċi u fl-interess ta' rappreżentanza esterna unifikata tal-Unjoni u tal-Istati Membri tagħha, il-Kummissjoni tista' tmexxi n-negozjati li jkopru kemm il-kompetenzi tal-Unjoni u suġġetti fejn l-Istati Membri ma kkonferewx kompetenzi fuq l-Unjoni.

(6) Huwa xieraq li tiġi stabbilita l-pożizzjoni li għandha tittieħed f'isem l-Unjoni fil-Grupp ta' Ħidma tan-NU/KEE dwar kwistjonijiet doganali li jaffettwaw it-trasport u l-Kumitat għat-Trasport Intern minħabba li l-Konvenzjoni proposta dwar il-formalitajiet tal-viżi tikkonċerna elementi li jaqgħu fil-kompetenza tal-Unjoni.

(7) Il-Konvenzjoni fiha dispożizzjonijiet ġenerali dwar l-organizzazzjoni tal-kontrolli fil-fruntieri tal-ferroviji tal-passiġġieri. Tista' titqies bħala l-bażi għal kwalunkwe ftehim multilaterali u bilaterali u li fin-nuqqas tagħhom l-ebda wieħed mill-elementi koperti mill-Konvenzjoni ma jkun jista' jaħdem.

(8) Fl-Istati Membri tal-Unjoni, ftehimiet bilaterali bħal dawn jistgħu jiġu konklużi saħansitra mingħajr il-Konvenzjoni proposta. Għar-Russja u xi pajjiżi oħra rrappreżentati fl-OSJD, il-qafas legali jidher li għandu bżonn Konvenzjoni bħal din sabiex tiffaċilita l-konklużjoni ta' ftehimiet multilaterali u bilaterali.

(9) Is-sustanza tal-Konvenzjoni proposta jidher li ma għandha la effetti benefiċjarji u lanqas effetti negattivi għall-Istati Membri tal-Unjoni. Għalhekk, l-Unjoni mhijiex se tappoġġa l-Konvenzjoni proposta iżda ma għandha l-ebda raġuni biex timblokka l-adozzjoni tagħha.

(10) Minkejja li ma jidhirx li huwa fl-interess tal-Unjoni li taderixxi għall-Konvenzjoni proposta, skont il-politika ġenerali tagħha dwar l-aspetti istituzzjonali, kwalunkwe Konvenzjoni internazzjonali ġdida jenħtieġ li jkollha klawsola li tippermetti l-parteċipazzjoni ta' organizzazzjonijiet reġjonali ta' integrazzjoni ekonomika. L-abbozz tal-Konvenzjoni proposta ma jinkludix klawsola li tippermetti lill-Unjoni li taderixxi għall-Konvenzjoni.

(11) Għalhekk, il-pożizzjoni tal-Unjoni fil-Grupp ta' Ħidma tal-UNECE dwar kwistjonijiet doganali li jaffettwaw it-trasport jenħtieġ li tkun newtrali jekk tiddaħħal klawsola li tippermetti l-parteċipazzjoni ta' organizzazzjonijiet reġjonali ta' integrazzjoni ekonomika. F'dan il-każ, l-Unjoni jenħtieġ li tastjeni. Inkella jenħtieġ li l-Unjoni tivvota kontra l-adozzjoni tal-Konvenzjoni proposta.

(12) F'konformità mal-Artikoli 1 u 2 tal-Protokoll Nru 22 dwar il-Pożizzjoni tad-Danimarka, anness mat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea u mat-TFUE, id-Danimarka mhijiex qiegħda tieħu sehem fl-adozzjoni ta' din id-Deċiżjoni u mhijiex marbuta biha jew soġġetta għall-applikazzjoni tagħha. Billi din id-Deċiżjoni tibni fuq l-acquis ta' Schengen, id-Danimarka għandha, skont l-Artikolu 4 ta' dak il-Protokoll, tiddeċiedi fi żmien sitt xhur wara li l-Kunsill ikun iddeċieda dwar dan ir-Regolament, jekk tkunx se timplimentah fil-liġi nazzjonali tagħha.

(13) Fir-rigward tal-Iżlanda u n-Norveġja, din id-Deċiżjoni tikkostitwixxi żvilupp tad-dispożizzjonijiet tal-acquis ta' Schengen fit-tifsira tal-Ftehim konkluż mill-Kunsill tal-Unjoni Ewropea mar-Repubblika tal-Iżlanda u mar-Renju tan-Norveġja dwar l-assoċjazzjoni ta' dan tal-aħħar fl-implimentazzjoni, l-applikazzjoni u l-iżvilupp tal-

acquis[3] ta' Schengen, li jaqgħu taħt il-qasam li għalih hemm referenza fl-Artikolu 1, punt A tad-Deċiżjoni tal-Kunsill 1999/437/KE[4].

(14) Fir-rigward tal-Iżvizzera, din id-Deċiżjoni tikkostitwixxi żvilupp tad-dispożizzjonijiet tal-acquis ta' Schengen fit-tifsira tal-Ftehim konkluż bejn l-Unjoni Ewropea, il-Komunità Ewropea u l-Konfederazzjoni Żvizzera u dwar l-assoċjazzjoni tal-Konfederazzjoni Żvizzera fl-implimentazzjoni, fl-applikazzjoni u fl-iżvilupp tal-acquis[5] ta' Schengen, li jaqgħu taħt il-qasam li għalih hemm referenza fl-Artikolu 1, punt A tad-Deċiżjoni 1999/437/KE moqri flimkien mal-Artikolu 3 tad-Deċiżjoni tal-Kunsill 2008/146/KE[6].

(15) Fir-rigward tal-Liechtenstein, din il-proposta tikkostitwixxi żvilupp tad-dispożizzjonijiet tal-acquis ta' Schengen skont it-tifsira tal-Protokoll bejn l-Unjoni Ewropea, il-Komunità Ewropea, il-Konfederazzjoni Żvizzera u l-Prinċipalità tal-Liechtenstein dwar l-adeżjoni tal-Prinċipalità tal-Liechtenstein mal-Ftehim bejn l-Unjoni Ewropea, il-Komunità Ewropea u l-Konfederazzjoni Żvizzera dwar l-assoċjazzjoni tal-Konfederazzjoni Żvizzera mal-implimentazzjoni, l-applikazzjoni u l-iżvilupp tal-acquis ta' Schengen[7] li taqa' fil-qasam msemmi fl-Artikolu 1, punt A, tad-Deċiżjoni 1999/437/KE moqri flimkien mal-Artikolu 3 tad-Deċiżjoni tal-Kunsill 2011/350/UE[8].

(16) Din id-Deċiżjoni tikkostitwixxi żvilupp tad-dispożizzjonijiet tal-acquis ta' Schengen li fih ir-Renju Unit ma jipparteċipax, f'konformità mad-Deċiżjoni tal-Kunsill 2000/365/KE[9]; għaldaqstant ir-Renju Unit mhuwiex qed jieħu sehem fl-adozzjoni ta' din id-Deċiżjoni u mhuwiex marbut biha jew soġġett għall-applikazzjoni tagħha.

(17) Din id-Deċiżjoni tikkostitwixxi żvilupp tad-dispożizzjonijiet tal-acquis ta' Schengen li l-Irlanda ma tiħux sehem fihom, f'konformità mad-Deċiżjoni tal-Kunsill 2002/192/KE[10]; Għaldaqstant l-Irlanda mhijiex qiegħda tieħu sehem fl-adozzjoni ta' din id-Deċiżjoni u mhijiex marbuta biha jew soġġetta għall-applikazzjoni tagħha.

---

3 ĠU L 176, 10.7.1999, p. 36.

4 Id-Deċiżjoni tal-Kunsill 1999/437/KE tas-17 ta' Mejju 1999 dwar ċerti arranġamenti għall-applikazzjoni tal-Ftehim konkluż mill-Kunsill tal-Unjoni Ewropea u r-Repubblika tal-Iżlanda u r-Renju tan-Norveġja dwar l-assoċjazzjoni ta' dawn iż-żewġ Stati mal-implimentazzjoni, l-applikazzjoni u l-iżvilupp tal-acquis ta' Schengen (ĠU L 176, 10.7.1999, p. 31).

5 ĠU L 53, 27.2.2008, p. 52.

6 Id-Deċiżjoni tal-Kunsill 2008/146/KE tat-28 ta' Jannar 2008 dwar il-konklużjoni f'isem il-Komunità Ewropea, tal-Ftehim bejn l-Unjoni Ewropea, il-Komunità Ewropea u l-Konfederazzjoni Żvizzera dwar l-assoċjazzjoni tal-Konfederazzjoni Żvizzera mal-implimentazzjoni, l-applikazzjoni u l-iżvilupp tal-acquis ta' Schengen (ĠU L 53, 27.2.2008, p. 1).

7 ĠU L 160, 18.6.2011, p. 21.

8 Id-Deċiżjoni tal-Kunsill 2011/350/UE tas-7 ta' Marzu 2011 dwar il-konklużjoni, f'isem l-Unjoni Ewropea, tal-Protokoll bejn l-Unjoni Ewropea, il-Komunità Ewropea, il-Konfederazzjoni Żvizzera u l-Prinċipat tal-Liechtenstein dwar l-adeżjoni tal-Prinċipat tal-Liechtenstein mal-Ftehim bejn l-Unjoni Ewropea, il-Komunità Ewropea u l-Konfederazzjoni Żvizzera dwar l-assoċjazzjoni tal-Konfederazzoni Żvizzera mal-implimentazzjoni, l-applikazzjoni u l-iżvilupp tal-acquis ta' Schengen, relatat mal-abolizzjoni tal-verifiki mal-fruntieri interni u l-moviment tal-persuni (ĠU L 160, 18.6.2011, p. 19).

9 Id-Deċiżjoni tal-Kunsill 2000/365/KE tad-29 ta' Mejju 2000 dwar it-talba tar-Renju Unit tal-Gran Brittanja u l-Irlanda ta' Fuq biex jieħdu parti f'xi dispożizzjonijiet tal-acquis ta' Schengen (ĠU L 131, 1.6.2000, p. 43).

10 Id-Deċiżjoni tal-Kunsill 2002/192/KE tat-28 ta' Frar 2002 dwar it-talba tal-Irlanda biex tieħu sehem f'xi wħud mid-dispożizzjonijiet tal-acquis ta' Schengen (ĠU L 64, 7.3.2002, p. 20).

(18) Fir-rigward ta' Ċipru, tal-Bulgarija, tar-Rumanija u tal-Kroazja, id-dispożizzjonijiet ta' din id-Deċiżjoni jikkostitwixxu dispożizzjonijiet li jibnu fuq, jew inkella huma relatati mal-acquis ta' Schengen. fi ħdan, rispettivament, it-tifsira tal-Artikolu 3(2) tal-Att tal-Adeżjoni tal-2003[11], tal-Artikolu 4(2) tal-Att tal-Adeżjoni tal-2005[12] u tal-Artikolu 4(2) tal-Att tal-Adeżjoni tal-2011[13],

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

*Artikolu 1*

Il-pożizzjoni li għandha tittieħed f'isem l-Unjoni fis-sessjonijiet tal-Grupp ta' Ħidma tal-UNECE dwar kwistjonijiet doganali li jaffettwaw it-trasport u l-Kumitat tat-Trasport Intern dwar il-konvenzjoni l-ġdida proposta tal-UNECE dwar il-faċilitazzjoni tal-proċeduri tal-qsim tal-fruntieri tal-passiġġieri, tal-bagalji u tal-bagalji mhux akkumpanjati li jinġarru fit-traffiku internazzjonali bil-ferrovija għandha tkun din li ġejja:

Il-pożizzjoni tal-Unjoni dwar l-abbozz tal-Konvenzjoni għandha tkun li tastjeni jekk tiddaħħal klawsola li tippermetti l-parteċipazzjoni ta' organizzazzjonijiet reġjonali ta' integrazzjoni ekonomika. Jekk tali klawsola ma tiġix introdotta, l-Istati Membri tal-Unjoni għandhom jivvotaw kontra.

*Artikolu 2*

Il-pożizzjoni msemmija fl-Artikolu 1 għandha tiġi espressa mill-Istati Membri tal-Unjoni li huma membri tal-Grupp ta' Ħidma tal-UNECE dwar kwistjonijiet doganali li jaffettwaw it-trasport u l-Kumitat tat-Trasport Intern li jaġixxu b'mod konġunt.

*Artikolu 3*

Din id-Deċiżjoni hija indirizzata lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri.

Magħmul fi Brussell,

*Għall-Kunsill*
*Il-President*

---

[11] Att dwar il-kundizzjonijiet għall-adeżjoni tar-Repubblika Ċeka, tar-Repubblika tal-Estonja, tar-Repubblika ta' Ċipru, tar-Repubblika tal-Latvja, tar-Repubblika tal-Litwanja, tar-Repubblika tal-Ungerija, tar-Repubblika ta' Malta, tar-Repubblika tal-Polonja, tar-Repubblika tas-Slovenja u tar-Repubblika Slovakka u l-aġġustamenti fit-trattati li fuqhom hija mwaqqfa l-Unjoni Ewropea (ĠU L 236, 23.9.2003, p. 33).

[12] Att li jikkonċerna l-kundizzjonijiet tal-adeżjoni tar-Repubblika tal-Bulgarija u tar-Rumanija u l-aġġustamenti lit-trattati li fuqhom hija stabbilita l-Unjoni Ewropea (ĠU L 157, 21.6.2005, p 203).

[13] L-Att dwar il-kundizzjonijiet tal-adeżjoni tar-Repubblika tal-Kroazja u l-aġġustamenti għat-Trattat tal-Unjoni Ewropea, it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea u t-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea tal-Enerġija Atomika (ĠU L 112, 24.4.2012, p. 21).